# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 254/2019: **J.F. SERVICES (STAFFING) LTD (C74017) V. SAVIOUR ALDO PORTELLI (KI. 211438M)**

(ART. 1171 TAL-KODICI CIVILI – REGOLI DWAR L-IMPUTAZZJONI TAL-HLASIJIET – DEBITUR LI JALLEGA L-ĦLAS GĦANDU L-ONUS PROBANDI LI JIPPROVA DAN U M'HUWIEX L-OBBLIGU TAL-KREDITUR LI JIPPROVA L-KUNTARJU)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' J.F. Services (Staffing) Ltd[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fil-31 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu talbet lil Saviour Aldo Portelli ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sebat elef, erba' mija u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€7,480.45) rappreżentanti ammont dovut minnek lis-soċjeta' rikorrenti għal servizzi reżi lilek mill-istess soċjeta'. Illi minkejja illi inti ġejt interpellat diversi drabi, inkluż b'ittra uffiċjali bin-numru 1584/2019, mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-proċedura fil-konfront tiegħek.

Bl-ispejjeż, inkluz tal-ittra uffiċjali bin-numru 1584/2019, u bl-imgħaxxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-intimat[2] ppreżentata fil-5 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

---

[1] Fol 1
[2] Fol 5

1. Illi l-pretensjoni hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-esponenti diga hallas l-ammont kollu li kien dovut lil J.F. Services (Staffing) Limited ghal servizz ta' Care Worker provdut lill-esponent.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont li qed jintalab hu wiehed eccessiv fi kwalunkwe kaz.

4. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk u meta permessi mill-ligi.

5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula:

- għan-nom tar-rikorrenti mill-Avukat Dr. Matthew Paris, u
- għan-nom tal-intimat mill-Avukat Dr. Christopher Chircop,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Il-kawża tikkonċerna l-ammont ta' € 7,480.45 li l-kumpanija rikorrenti tgħid li huwa dovut lilha mill-intimat rappreżentanti l-ħlas għal servizzi ta' live-in carer li pprovdiet lil intimat u lil martu għal perijodu ta' bejn Mejju 2017 u Ottubru 2018. F' Ottubru 2018 dan is-servizz twaqqaf għaliex l-intimat ma baqax iħallas dak dovut minnu. Ir-rikorrent qed titlob ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1584/2019 u l-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

2. Matul il-kawża l-intimat irreveda l-linja difenzjonali tiegħu kif esposta minnu fit-tieni kap tar-risposta tiegħu – ossia' li huwa m'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti għaliex kien diġà ħallasha kollox – u minflok ikkonċentra fuq it-tielet eċċezzjoni tiegħu ċioe dik li l-ammont pretiż huwa eċċessiv. Ftit iktar minn sitt xhur wara r-risposta tiegħu l-intimat ippreżenta ċedola ta' depożitu fil-Qorti fl-istess ismijiet

(ċedola numru 1122/2020) fl-ammont ta' € 4,886.04, kopja ta' liema ġiet imbagħad ippreżentata fil-kawża fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021[3].

3. Sussegwentement permezz tal-affidavit tiegħu ppreżentat fit-18 ta' Ottubru 2021 l-intimat filwaqt li kkonferma li kien ddepożita s-somma fuq imsemmija ta' € 4886.04 ammetta li kien għamel żball għaliex ma kienx ikkalkula l-VAT fuq diversi invoices u li apparti l-ammont li ddepożita kien hemm ukoll dovut is-somma ta' € 860.00. Is-somma totali ammessa mill-intimat **wara** l-ftuħ tal-kawża għalhekk hija dik ta' **€ 5,746.04** [4]

4. Il-kawża għalhekk qegħda effettivament tiġi kontestata llum il-ġurnata fuq differenza ta' **€ 1,734.43** liema ammont huwa prattikament (iżda mhux eżattament) ekwivalenti għal ammont (ta' € 1,725.87) li l-intimat qed jinsisti li ħallas lir-rikorrenti b'ċekk[5] u li skond hu r-rikorrenti ma ħaditx konsiderazzjoni tiegħu fil-konteġġi tagħha.

5. Irid jingħad ukoll li minkejja li f'xi żmien **qabel il-ftuħ tal-kawża** inqalgħet kwistjoni bejn il-partijiet fuq ir-rata tal-VAT applikabbli għas-servizzi li kienu qegħdin jingħataw lill-intimat, din il-kwistjoni kienet ġiet riżolta meta r-rikorrenti sewwiet l-iżball tagħha (ossia' li kellha tapplika rata ta' 5% VAT minflok 18%) u fit-28 ta' Mejju 2019[6] ħarġet żewġ *credit note*s għall-ammonti kollha fatturati bir-rata ta' VAT skorretta u mmedjatament ħarġet żewġ fatturi għall-ammonti kollha fatturati din id-darba bir-rata korretta ta' VAT miżjuda magħhom. Din il-kwistjoni għalhekk ma tagħmel l-ebda parti mill-mertu ta' dawn il-proċeduri anke jekk issemmiet kemm il-darba mill-intimat u x-xhieda tiegħu.

*Sinteżi tal-provi*

6. **Kevin Mifsud**, *Financial Controller* tar-rikorrenti, xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020 illi r-rikorrenti kienet tipprovdi servizzi ta' *carer* lill-intimat u li kienet tibgħatlu kont li kien jitħallas b'ċekk darba fix-xahar[7]. L-intimat waqaf jibgħat pagamenti u l-kumpanija baqgħet tibgħatlu l-istatements. Kienet saret laqgħa fejn kienu attendew għaliha it-tifla tal-intimat flimkien mal-avukat tagħhom. Skond ix-

---

[3] Fol. 75, Dok GM 1
[4] Fol. 88
[5] Fol 81
[6] Ara Fol 18 u 19
[7] Fol. 17a-17d

xhud il-problema li kien hemm bejn il-partijiet ma kienitx il-fatturi għaliex kien hemm qbil fuqhom f' din il-laqgħa.[8] Il-kwistjoni però kienet fuq il-bilanċ dovut peress li l-intimat beda jinsisti li kien għamel pagament permezz ta' ċekk li ma kienx qed jiġi rifless fl-*istatement.* Ix-xhud spjega li kien talab lil intimat jipprovdi prova ta' dan il-pagament però din baqgħet qatt ma ngħatat. Ippreżenta ukoll tlett (3) settijiet ta' dokumenti, Dok KM1 (statements), Dok KM2 (fatturi) u Dok KM 3 (kopja taċ-ċekkijiet li ntbagħtu mill-intimat)[9].

Mistoqsi mill-Qorti dwar il-*credit notes* datati 28 ta' Mejju 2019 li jidhru fuq l-*istatements*, rrisponda li r-rikorrent inizjalment bdiet tiċċarġja VAT bl-18 %. Wara li l-intimat ġibdilhom l-attenzjoni li l-VAT applikabbli kellha tkun dik ta' 5%, l-kumpanija kkonfermat li kellu raġun u għalhekk fit-28 ta' Mejju 2019[10] ħarġet żewġ *credit note*s għall-ammonti kollha fatturati bir-rata ta' VAT skorretta u mmedjatament ħarġet żewġ fatturi għall-ammonti kollha fatturati din id-darba bir-rata korretta ta' VAT miżjuda magħhom.

Meta l-kumpanija talbet għal laqgħa d-diskrepanza kienet ta' € 1,700. L-intimat insista li kien bagħat ċekk għal dan l-ammont li l-kumpanija ma rċevietx.[11]

Ikkonferma illi l-ammont pretiż huwa ta' € 7,480.45 u li s-servizz kien waqaf jingħata f' Ottubru 2018[12] peress li l-intimat ma kienx baqa' jħallas għas-servizz. Fil-fatt l-aħħar fattura li ntbagħtet kienet f' Mejju 2019.[13]

7. In kontro-eżami fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021[14] l-istess xhud ippreċiża illi l-kontestazzjoni tal-intimat inizjalment kienet dwar l-ammont ta' € 1,725. Mistoqsi dwar iċ-ċekk numru 1502 (iċ-ċekk li bagħat l-intimat u li allegatament ma kkunsidratux ir-rikorrenti) rrisponda li fiż-żmien li kien qed jixhed però id-differenza bejn il-partijiet kienet tmur oltre l-ammont ta' dak iċ-ċekk. Meta imbagħad ġie mistoqsi b' riferenza għal fol. 81 u għall-affidavit tal-intimat fejn ġew

---

[8] Fol. 17a
[9] Fol 18-53
[10] Ara Fol 18 u 19
[11] Fol. 17b
[12] Fis-seduta tal-23 ta' Novembru 2020 ix-xhud ikkoregа x-xhieda tieghu u ikkonferma li s-servizz twaqqaf f' Ottubru 2019( fol. 59)
[13] Fol. 17c
[14] Fol. 97-101

ppreżentati żewġt riċevuti tal-VAT li jidhru li jirriferu għall-istess fattura x-xhud irrisponda hekk:

> *"... ahna fis-sistema ahna ma nipostjawx l-ircevuti. Ahna fis-sistema nipostjaw ic-cekkijiet li nircievu. Issa jekk hargu zewg ircevuti sar zball minn naha taghna. Pero` cheque jiġi postjat fis-sistema darba mhux darbtejn. Ahna l-problema taghna mhux l-ircevuti. Again, il-problema taghna hija ddifferenza li hi, li sur Aldo Portelli qed jghid li bghat u li ahna rcevejna. Dik id-differenza."*

L-istess xhud għal darb' oħra in kontroeżami xehed fis-seduta tat-29 ta' Novembru 2021 illi ċ-ċekk bin-numru 5102 filfatt issarraf u ddaħħal fis-sistema tagħhom fit-30 ta' Mejju 2018 kif jixhdu kemm Dok KM1 (it-tieni faċċata a fol 19) u kemm Dok KM1 a fol 103 li ppreżenta l-istess xhud.[15]

8. **Leanne Mallia**, *credit controller* tar-rikorrenti, xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2020 illi l-involviment tagħha fil-mertu tal-kawża kien jikkonsisti f'li tipprova tasal fi ftehim mal-intimat u li jkun hemm qbil fuq l-ammonti. Hija bagħtet l-istatements lit-tifla tal-intimat, Christine Montague. [16] Mistoqsija dwar il-laqgħa li kienet inżammet fl-uffiċini tal-kumpanija rikorrenti li kienet preżenti għalih hija qalet li kienet attendiet Montague u li kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-*invoices* kollha li nħarġu. Kienu ukoll daru ċ-ċekkijiet li kienu ntbagħtu u l-intimat beda jsostni illi kien hemm ċekk li bagħat u li però ma ġiex *accounted for* mir-rikorrenti. L-ammont ta' dan iċ-ċekk kien ta' xi € 1,700. Inoltre però kien hemm aktar kontijiet pendenti apparti li nħarġu iktar fatturi[17]. Ix-xhud qalet li kien hemm qbil bejn il-partijiet dakinhar fuq l-ammont l-ieħor ta' ċirca sitt elef ewro. Wara dak il-meeting komplew jibgħatu l-istatements lill-intimat li però baqa' ma ħallasx u għalhekk infetħet il-kawża.[18].

9. **Gaetana Aquilina**, Deputat Reġistratur, xeħdet għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021[19] u ppreżentat kopja ta' ċedola ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati bin-numru 1122/2020 fl-ismijiet *Saviour Aldo Portelli v. J. F. Services Limited*. Kkonfermat li l-flus depożitati fi-ċedola għadhom ma ġewx żbankati.[20]

---

[15] Fol. 102A – 102 F
[16] Fol, 55
[17] Fol. 56
[18] Fol. 57
[19] Fol. 71-72
[20] Fol. 71

10. **<u>Christine Montague</u>**, bint l-intimat, xehdet fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021[21]. Hija kkonfermat li l-kumpanija rikorrenti kienet ilha tipprovdi servizz ta' carer lil missierha u ommha sa minn Mejju 2017. [22] Mistoqsija dwar il-pagamenti li saru rrispondiet li l-invoices tas-sena 2017 kienu tħallsu u ma kienx hemm problemi dwarhom. Mistoqsija fuq l-invoices ta' bejn Mejju 2018 u Ottubru 2018 wieġbet hekk:

> *"Hemm lot iehor minn qisu Mejju – Gunju 2018 sal- bidu ta' Ottubru fejn nafu li ma hallasnihomx u qbilna maghhom. U safejn naf jien baghtilhom xi cekk u baghtuhomlu lura. Ma nafx l- ammonti. U hemm erba' xhur fejn hemm xi disgwid. Issa baghtuli koppja tac- cekkijiet li prezentaw il- J.F. u jiena meta ccekjajthom mal- invoices li kellu, l- ircevuti li kellu, sibt li cekk minnhom ma giex ippreżentat f' dak il- batch. Nista' nurihulkom, għandi l- koppja tac- cekk ghax gibnih mill- bank u għandi wkoll l- istatement tal- bank tal- papa'. Għandi l- originali u photocopies fejn juri li dan ic- cekk gie msarraf."*

Ix-xhud ippreżentat kopja ta' ċekk numru 1502 datat 25 ta' Mejju 2018 fl-ammont ta' € 1,725.87 flimkien mal-prova ta' depożitu li skond hi ma ġiex inkluż mad-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti[23]. Mistoqsija jekk kienx hemm kwistjonijiet oħra hija qalet hekk:

> **"***First of all kien hemm il- fatt li l- VAT kienu ccargjawna bl- eighteen per cent (18%) meta jiena skoprejt wara li suppost iccargjati fil- five per cent (5%) peress li kienet career. U fit- 2019 konna ltqajna maghhom jien u Dr. Berthram Sciriha, l- avukat tal- papa', u pruvajna nirrangaw maghhom u ghidtilhom. They took it on jiġifieri. Huma accettaw li kienu ccargjawna bil- VAT hazin. Is- somma telghet sew. Mhux qed nghidu invoice wahda jew tnejn. Nghidlek il- verita' qed nerga' nibda nahdem fuqha ghax ma jistax ikun, ma nistax insib art. Hemm hafna tahwid. Minix naqbad ezatti kif ha nahdmuha. Kien hemm dik. Kien hemm il- fatt li l- career kienet impjegata maghna bhala career imma mpjegata imma mhallsa bhala cleaner. Għalhekk kien hemm dan l- eighteen per cent (18%). Allura kienet tohorg bhala eighteen per cent (18%) ghax cleaner imma maghna kienet career. U ghaddewna l- costs. Il- fatt li l- papa' għandu eighty- three (83), house bound, in a wheelchair, tista' timmagina dawn il- hafna*

---

[21] Fol. 78-80
[22] Fol. 78
[23] Fol 81

*affarijiet li jgerfxuh beda jinnervja hafna. Dak affetwatna hafna. It- tahwid, kien hemm is-somom differenti.*[24] "

11. L-intimat **Saviour Aldo Portelli** ppreżenta affidavit fit-18 ta' Ottubru 2021[25]. Huwa kkonferma li f' Mejju tas-sena 2017 kien talab għal *carer* mill-kumpanija rikorrenti. Rigward il-bilanċ pendenti qal li pprova diversi drabi jħallas dak li dehrlu kellu jkun il-bilanċ u kien anke bagħtilhom ċekk *in full and final settlement* li ntbagħat lura. Spjega illi:

    *"Meta ghamilt l-indagni tieghi u ccekjajt il-karti kollha tieghi biex nara għalfejn ma konniex qed naqblu sibt li kelli rcevuti tal-VAT għall-invoices kollha imma għal pagament minnhom specifikament cheque no 1502 għall-invoice 293 tal-ammont ta' € 1725.87, ma sibtx VAT receipt tieghu. Dan gara għaliex il-JF kull meta nhallas kienu jibghatuli VAT receipt li tkun stjpiljata mal-kopja tal-invoice liema invoice fuqha jkollha miktub l-invoice number. Li gara kien li f' invoice number 293 stejpiljata maghha kienu baghtuli VAT receipt il-bajda tal-invoice number 206 (receipt no 000003), filwaqt li mal-invoice number 206 baghtuli VAT receipt ta' din l-invoice izda roza (receipt 000003) . Nikkonferma li dawn iz-zewg invoices thallsu permezz ta' zewg cekkijiet separati. (BOV cekk no. 1494 u BOV cekk no. 1502 liema chekkijiet gew imsarfa t-tnejn li huma)"*

    Fuq l-ammont li skont ix-xhud huwa dovut spjega li meta fetħulu kawża huwa ppreżenta ċedola l-Qorti fejn iddepożita s-somma ta' € 4,886.04 sabiex tiġi liberament żbankata. Ammetta illi meta ħadem l-ammont dovut bi żball induna li bi żball ma kienx ikkalkula l-VAT ta' diversi *invoices* u għalhekk apparti l-ammont li kien iddepożita l-Qorti hemm ukoll l-ammont ta' xi tmien mija u sittin ewro (€ 860) dovut lir-rikorrenti.

*Kunsiderazzjonijiet*

12. Minn eżami tad-dokumenti kollha esebiti jirriżulta lill-Qorti illi:

    1. Il-fattura numru 206[26] li nħarġet għall-ammont ta' € 1,725.87 (għal servizzi ta' *carer* għall-perjodu 01-31 Marzu 2018) tħallset permezz taċ-ċekk numru 1502. Dan il-pagament ġie allokat fis-sistema tal-kumpanija rikorrenti kif jirriżulta mid-dokument eżebit minnha a fol 103. F' dan il-prospett dettaljat hemm imniżżel li dan iċ-ċekk ġie

[24] Fol. 79
[25] Fol. 87
[26] Fol 34

msarraf fit-30 ta' Mejju 2018. Din id-data tikkorrispondi mat-transazzjoni tat-30 ta' Mejju 2018 indikata bħala *withdrawal* fil-kont tal-intimat a fol 82. Jidher ukoll mill-kopja taċ-ċekk ppreżentat minn Christine Montague a fol.81 li dan iċ-ċekk kien inħareġ ftit jiem qabel, ossia fil-25 ta' Mejju 2018.

2. Dwar il-fattura bin-numru 293 li nħarġet għall-ammont ta' € 1,725.87 (għal servizzi ta' *carer* għall-perjodu ta' April 2018)[27] l-intimat jikkontendi li r-rikorrenti kienet bagħtitlu dokument li juri li ħallasha permezz tal-istess riċevuta li ħarġitlu għall-fattura bin-numru 206.[28] Huwa saħaq illi filfatt il-fattura numru 293 tħallset permezz taċ-ċekk numru 1494. Irrispettivament minn jekk verament irċeviex id-dokument a fol 91 jew le u jekk ir-rikorrenti bi żball kienetx bagħtitlu riċevuta b'oħra, jidher ċar illi ċ-ċekk bin-numru 1494 ma kienx pagament għall-fattura 293 (kif qed jinsisti l-intimat) imma kien għall-fattura iktar antika bin-numru 149 (għal servizzi ta' *carer* għall-perjodu ta' Frar 2018)[29]. Dan joħroġ mill-prospett esebit a fol 103.

13. Mill-istess prospett jidher illi l-intimat xi ftit jew wisq dejjem kien puntwali bil-pagamenti tiegħu sakemm inħarġet il-fattura bin-numru 149 fit-28 ta' Frar 2018. Din ġiet segwita b'fattura oħra bin-numru 206 fil-31 ta' Marzu 2018. Meta imbagħad fl-aħħar ta' April 2018 ħareġ pagament, l-intimat ħallas biss tal-ewwel fattura (i.e. bin-numru 149) u ma ħallasx dik li ġiet warajha bin-numru 206. Sadanittant laħqet ħarġet fattura oħra bin-numru 293 fit-30 ta' April 2018 u meta sar pagament mill-intimat fl-aħħar ta' Mejju 2018 (biċ-ċekk notorju li jġorr in-numru 1502) dan pretenda li kien ħallas il-fattura bin-numru 293 mentri fil-verita' huwa kien ħallas għall-fattura preċedenti bin-numru 206. Sussegwentement inħarġu l-fatturi bin-numru 384, 443, 556, 594, 669 u 812 li ukoll baqgħu ma tħallsux. Is-servizzi twaqqfu wara Ottubru 2018. Il-fattura bin-numru 1172 inħarġet mhux għal servizz ieħor li ngħata fl-2019 iżda biss sabiex jiġi indirizzat il-punt imqajjem iktar 'l fuq dwar id-diskrepanza li kien hemm minħabba r-rata tal-VAT, liema kwistjoni ġiet riżolta qabel din il-kawża.

---

[27] Fol 35
[28] Fol 91
[29] Fol 33

14. Dak li għamlet ir-rikorrenti kien jaqa' sew taħt id-drittijiet tagħha bħala kreditur fir-rigward tal-imputazzjoni tal-ħlasijiet ġaladarba d-debitur ma eżerċitax id-dritt tiegħu illi jiddikjara fil-waqt tal-ħlas liema huwa d-dejn li ried iħallas[30]. Filfatt l-Art. 1171 jipprovdi kif ġej dwar l-imputazzjoni tal-ħlasijiet:

'1171. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-ħlas, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(a) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat;

(b) meta hemm iżjed minn dejn wieħed mhux ikkontestat, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi fiż-żmien tal-ħlas ikun ġa magħluq qabel id-djun li jkunu għad ma għalqux, ħlief jekk fost dawn id-djun imsemmijin l-aħħar ikun hemm dejn illi għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, f'liema każ il-ħlas għandu jitqies li sar fuq dak id-dejn, kemm-il darba ż-żmien għall-ħlas ma kienx ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur;

(ċ) fost id-djun magħluqa, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn li għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, jew, meta ma jkunx hemm dejn ta' din ix-xorta, għal dejn li jagħti mgħaxijiet, qabel djun oħra;

(d) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn imsaħħaħ b' garanzija qabel dejn ieħor mhux hekk imsaħħaħ; u fuq id-dejn bi privileġġ jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privileġġ jew b'ipoteka;

(e) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi dak illi ħallas kellu jagħti bħala debitur prinċipali jew bħala obbligat waħdu qabel dejn li kellu jagħti bħala garanti ta' ħaddieħor jew bħala debitur in solidum ma' debituri oħra;

(f) fil-każijiet mhux imsemmija espressament fir-regoli ta' qabel din, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi, fiż-żmien tal-ħlas, id-debitur kellu l-iżjed interess li jħallas;

**(g) meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jħallas dejn qabel ieħor, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn l-iżjed qadim** (enfasi miżjuda mill-Qorti): u fost id-djun li jkunu saru

---

[30] Art. 1168(1) tal-Kodiċi Ċivili: *'Id-debitur li jkollu iżjed minn dejn wieħed, għandu jedd jiddikjara, fil-waqt tal-ħlas, liema huwa d-dejn li jrid iħallas.'*

f'ġurnata waħda, u li ma jagħlqux fi żmien wieħed, jitqies bħala iżjed qadim id-dejn li jagħlaq l-ewwel;

(h) jekk id-djun ikunu f'kondizzjoni waħda, l-imputazzjoni ssir pro rata.'

15. Kif qalet sew il-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **John Grima v. Victor Borg et.** (App Ċiv Nru 876/2004/1, 28/11/2008):

> *"Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, iġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju"*

16. Il-Qorti wara li evalwat l-provi u d-dokumenti eżebiti tikkunsidra li l-intimat ma ppreżentax provi tajbin li huwa għamel pagament ta xi parti mill-bilanċ pretiż (naturalment oltre l-ammont depożitati permezz ta' ċedola wara l-ftuħ tal-kawża) u għalhekk il-kumpanija rikorrenti irnexxielha tipprova li l-ammont pretiż minnha huwa dovut kollu kemm hu.

17. Dwar l-ispejjeż irid jingħad illi minkejja li fir-rikors promotur hemm riferenza għall-ittra uffiċjali bin-numru 1584/2019, ma ġiet esebita l-ebda kopja ta' din l-ittra uffiċjali u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-intimat għall-ispejjeż tagħha.

18. Fir-rigward tal-imgħaxijiet il-Qorti tqis illi għalkemm mill-ammont pretiż ta' € 7,480.45, l-intimat iddepożita s-somma ta' € 4,886.04 fis-16 ta' Ġunju 2020, madanakollu d-diċitura taċ-ċedola kienet tali illi tqajjem ambigwità dwar kemm l-iżbank tal-ammont seta' jsir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti. Huwa minnu illi fl-aħħar taċ-ċedola l-intimat iddikjara illi l-ammont seta' jiġi "liberament żbankat" mir-rikorrenti iżda dan kollu ingħad wara li l-intimat għamel riferenza għall-kawża miftuħa mir-rikorrenti, għall-ammont mitlub minnha u għall-fatt illi d-depożitant kien qiegħed iżomm ferm mal-posizzjoni tiegħu illi l-ammont dovut kien dak li qed jiġi depożitat. Fiċ-ċirkustanzi r-rikorrenti kellha kull dritt tkun kawta u tistenna l-eżitu finali tal-proċeduri minflok ma tieħu riskju tippreġudika l-pretensjonijiet tagħha billi tiżbanka l-ammont depożitat. L-intimat kien jaf dan kollu tant illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021 l-abbli avukat tagħha ħass il-bżonn jiddikjara illi: *"in vista tal-fatt illi ċ-ċedola bin-numru 1122/2020 għadha ma ġietx*

*żbankata jirrileva illi filwaqt illi l-konvenut jinsisti li l-ammont dovut huwa dak indikat fic-cedola madanakollu jirrileva wkoll illi* ***c-cedola ma sarietx a saldu*** (enfasi miżjuda) *ta' kull pretensjoni u dan sabiex l-attrici tkun tista' liberalement tizbanka l-istess ċedola*". Kien minn dakinhar illi r-rikorrenti setgħet verament tiżbanka s-somma b'serħan tal-moħħ. Għalhekk il-Qorti ser tqis illi l-imgħax legali kwantu għas-somma ta' € 4,886.04 waqaf jiddekorri b'effett mill-25 ta' Jannar 2021.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat tilqa t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi:**

1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sebat elef erba' mija u tmenin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€ 7,480.45) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi dovut lilha u li baqa' ma tħallasx,**

2. **tikkundanna lill-intimat iħallas dan l-ammont lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħax legali:**

    i. **fuq is-somma ta' € 4,886.04 dekoribbli mill-31 ta' Ottubru 2019 sal-25 ta' Jannar 2021;**

    ii. **fuq il-kumplament tas-somma (i.e. € 2,594.4) dekoribbli mill-31 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat b'eċċezzjoni għal dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bin-numru 1584/2019.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur